**30 ta' Jannar 1967.**

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Lazzaro Zammit et.

*versus*

Domenico Zammit et.

**Appell — Nulita — Malliverija — Nuqqas ta' — Patroċinju Gratuwito — Ammissjoni Proviżorja għall-**

*L-appellant talab biex jiġi lilu assenjati Avukat u Prokuratur Legali tal-Fqar u biex jiġi wkoll awtorizzat jippresenta l-petizzjoni tal-appell mingħajr ħlas ta' l-ispejjeż tar-reġistru, salv kull provvediment ieħor li jingħata wara li jiġu kompletati l-proċeduri quddiem l-Avukat tal-Fqar. Il-Qorti laqgħet din it-talba, salv li dawn id-drittijiet jitħallsu kemm il-darba r-relazzjoni tal-Avukat tal-Fqar tkun kuntrarja. L-appellant għalhekk ippresenta l-petizzjoni mingħajr ma ħallas l-ispejjeż tar-reġistru u anki mingħajr il-kontestwali malliverija għall-ispejjeż. Qamet għalhekk il-kwistjoni tan-nullita tal-appell minħabba nuqqas tad-debita malliverija.*

*Il-Qorti ddeċidiet li l-Appell ma kienx null għax id-degriet fuq imsemmi kien ekwiparabbli għall-ammissjoni proviżorja għall-benefiċju ta' patroċinju gratuwitu u għalhekk kien jagħti id-dritt lill-appellant li jippresenta l-petizzjoni mhux akkompanjata mid-debita malliverija.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, peress li Giuseppe Zammit miet il-Pieta, Malta, fit-13 ta' Settembru, 1956; u premess li l-aħħar testment tiegħu hu dak magħmul f'Innisfail, Queensland, Australia, fit-3 ta' Jannar, 1935; u premess li skond dan it-testment l-atturi huma l-uniċi eredi ta' l-istess Giuseppe Zammit; u premess li l-konvenuti barra Maria Zammit qegħdin jippretendu illi dan it-testment ġie revokat u qegħdin jitolbu l-apertura tas-suċċessjoni ab intestato ta' Giuseppe Zammit, kif jirriżulta mill-atti tar-rikors minnhom presentat fil-Qorti Ċivili Sekond'Awla fit-12 ta' April, 1957; u premess li t-testment imsemmi għadu validu u ma ġie qatt revokat kif allegaw il-konvenuti; u premess li mill-esekuturi testamentarji tad-decuius wieħed huwa mejjet u l-ieħor jinsab assenti minn dawn il-Gżejjer; talbu jiġi dikjarat u deċiż (1) illi t-testment ta' Giuseppe Zammit fuq imsemmi għadu viġenti u ma ġie bl-ebda mod revokat; (2) illi per konsegwenza, is-suċċessjoni ta' Giuseppe Zammit għandha tiġi regolata unikament u esklusivament mill-imsemmi testment, salva r-riserva tal-konvenuta, armla tiegħu skond il-liġi; (3) illi l-esekuzzjoni tal-imsemmi testment, in kwantu għall-beni kollha tad-decuius li jinsabu Malta, għandha tiġi mħollija f'idejn l-atturi bħala uniċi eredi tiegħu, bl-ispejjes kontra l-konvenuti;

Omissis

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-18 ta' Mejju, 1966 li biha iddeċidiet billi laqgħat l-ewwel u t-tieni talba tal-atturi, u billi laqgħat ukoll it-tielet talba fis-sens però illi l-esekuzzjoni tat-testment in kwistjoni, in kwantu għall-beni kollha tad-"decuius" li jinsabu Malta, għandha tiġi mħollija f'idejn

l-atturi Lazzaro Zammit, Salvatore Zahra u Antonia mart Emmanuele Saliba u ordnat li l-ispejjes jitħallsu mill-konvenuti, wara li kkunsidrat:

Omissis

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuti u l-petizzjoni tal-konvenut Carmelo Farrugia li biha talab illi l-imsemmija sentenza tiġi revokata u li t-talbiet kollha tal-atturi jiġu miċħuda, bl-ispejjes taż-żewġ istanzi.

Omissis

Rat ir-risposta tal-atturi li biha qalu illi s-sentenza impunjata hija ġusta u timmerita konferma, salva kull eċċezzjoni għar-rigward tal-proċedura għall-ammissjoni tal-appellanti għall-benefiċċju li jappella "informa pauperis", bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u ikkunsidrat.

Illi l-atturi appellati eċċepew illi l-appell hu iritu u null billi l-petizzjoni ma ġietx debitament akkompanjata mill-malleverija għal li spejjes kif trid il-liġi (art. 247 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) u kontra t-termini tad-digriet għall-ammissjoni provviżorja tal-appellant għall-patroċinju gratwitu.

Illi b'rikors ippreżentat fit-2 ta' Ġunju, 1966 l-imsemmi Carmelo Farrugia (uniku appellant), wara li ppremetta illi għamel talba quddiem l-Avukat tal-Fqar biex jiġi ammess għall-benefiċċju tal-patroċinju gratwitu biex jappella mill-imsemmija sentenza u illi sakemm jiġu kompletati il-proċe-

duri quddiem l-Avukat tal-Fqar jista' jagħti l-każ illi jilħaq jiskadi t-terminu utili għall-preżentazzjoni tal-petizzjoni tal-appell, talab lil din il-Qorti tassenjalu minn dak iż-żmien Avukat u Prokuratur Legali tal-Fqar billi jiġi wkoll awtorizzat jippreżenta l-petizzjoni tal-appell bla ħlas ta' drittijiet tar-Reġistru, salv kull provvediment għall-eventwalità li r-rikorrent ma jiġix ammess għall-patroċinju gratwitu. Fuq dan ir-rikors il-Qorti provviżjorjament assenjat lir-rikorrent l-Avukat u Prokuratur Legali tal-elenku li lilhom kien imiss it-turn u awtorizzatu li jippreżenta l-petizzjoni tal-appell bla ħlas tar-Reġistru, bil-kondizzjoni li jitħallsu d-drittijiet kollha kemm il-darba r-relazzjoni tal-Avukat tal-Fqar tkun kuntrarja.

Illi fuq dan il-provvediment l-appellant ippreżenta l-petizzjoni tiegħu bla ħlas ta' drittijiet tar-Reġistru u anki mingħajr il-kontestwali malleverija għall-ispejjes u in segwitu ġie effettivament ammess għall-patroċinju gratwitu. Hu isostni illi skop ovvju tar-rikors tiegħu tat-2 ta' Ġunju, 1966, li sar permezz tal-Avukat tal-Fqar, kien li jottieni l-benefiċċju tal-patroċinju gratwitu provviżorjament u meta ottenieh, ottenieh bil-privileġġi kollha relattivi inkluż dak tal-eżenzjoni provviżorja mill-malleverija.

Illi l-artikolu 247 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili jiddisponi illi "ebda petizzjoni ta' appell ma tiġi riċevuta li ma tkunx ippreżentata flimkien ma garanzija għall-ispejjes tal-kawża." Però l-artikolu 922 tal-istess Kodiċi jiddisponi wkoll illi l-persuna li tkun ġiet ammessa għall-benefiċċju tal-patroċinju gratuwitu hi eżentata mhux biss mill-ħlas ta' kull dritt, imma anki mill-malleverija għall-ispejjes. L-atturi appellati qegħdin fil-fatt isostnu illi meta ġiet preżentata l-petizzjoni tal-appell l-appellant ma kienx għadu ġie ammess għal dak il-benefiċċju u għalhekk,

milli l-każ ma jaqa taħt l-ebda waħda mill-eżenzjonijiet l-oħra mill-malleveriji kontemplati mil-liġi, id-dispost tal-artikolu 247 gie vjolat. In sostenn ta' din is-sottomissjoni huma jinvokaw d-deċiżjoni riportata fil-Koll. Vol. XXXVII. i, 307. Mill-banda l-oħra l-appellant jinvoka d-deċiżjoni riportata fil-Koll. Vol. IX. 252 in sostenn tat-teżi tiegħu illi fi kwalunkwe każ hawn si tratta ta' diffett sanabbli taħt id-dispost tal-paragrfu (c) tal-artikolu 792 (1) tal-istess Kodiċi.

Illi din il-Qorti kif kostitwita ma tistgħax taqbel mall-veduta meħuda f'din l-aħħar sentenza, li lanqas tidher li ġiet segwita, u, għall-raġunijiet li ser jissemmew, ser tiddikosta ruħha anki mill-veduta meħuda fis-sentenza l-oħra aktar reċenti. Infatti fil-fehma tal-Qorti d-digriet li jawtorizza lir-rikorrenti biex, in pendenza tal-eżitu tat-talba tiegħu għall-patroċinju gratwitu, jippreżenta l-petizzjoni tal-appell kondizzjonatament bla ħlas tad-drittijiet ta' Reġistru ma jistgħax iħallas id-drittijiet tar-Reġistru għall-preżentata tal-petizzjoni, "multo magis" ma jistgħax jiġi mistenni li jsib garanti idoneu għall-ispejjes tal-kawża, u jekk hu xieraq li provviżorjament ma jiġix prekluż milli jappella mħabba l-ħlas tad-drittijiet tar-Reġistru, a pari raġuni hu xieraq li provviżorjament ma jiġix prekluż milli jappella mħabba l-malleverija, salv dejjem naturalment l-eżitu effettiv tat-talba tiegħu għall-imsemmi benefiċċju.

Illi għalkemm formalment it-talba fil-prattika issir biss għall-eżenzjoni mill-ħlas tad-drittijiet ta' Reġistru, l-ispejjgazjoni ta' dan hi li din hi l-eżiġenza immedjata l-aktar ovvja. Imma jekk, kif ma jidhirx disputat mill-appellati, l-Qorti tista' tippermetti l-preżentata tal-petizzjoni mingħajr ħlas tad-drittijiet tar-Reġistru f'dak l-istadju, dan ma jistgħax ikun għall-ebda raġuni oħra ħlief li l-Qorti tagħti

provviżorjament lir-rikorrent il-beneficċju mitlub u "pro-tanto" ir-rikorrent ikun intitolat, dejjem provviżorjament, għal kull beneficċju li l-liġi takkorda lill-persuni ammessi għall-istess beneficċju.

Illi l-atturi appellati irrilevaw ukoll, in bażi għall-artikolu 922 tal-imsemmi Kodiċi kif interpretat fid-deċiżjoni riportata fil-Koll. Vol. XII. 698 illi fi kwalunkwe każ l-appellant li jaġixxi "informa pauperis" hu eżenti mill-malleverija imma għandu jissupplixxi bil-ġuratorja kawżjoni ħaġa li l-appellant lanqas għamel. Gie però deċiż minn din il-Qorti in segwitu għal dik is-sentenza illi l-obbligu tal-ġuratorja kawżjoni in sostituzzjoni għall-malleverija f'provvediment 'in forma pauperis" hu ristrett — u dan jirriżulta mill-istess disposizzjoni tal-artikolu 922 — għall-każ biss ta' provvediment in prima istanza b'libell (Koll. Vol. XVI. I. 39 u XXIV. I. 690).

Għal motivi premessi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità tal-petizzjoni sollevata mill-atturi appellati bli spejjes kontra tagħhom u tordna illi l-appell jitkompla fil-meritu.